MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Numru. 794/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**

**KONTRA**

**ARSALAN ALI HUSSEIN AL- SHINAWI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Arsalan Ali Hussien Al- Shinawi ta' 43 sena, bin Ali Hussein Ahmad u Mali Hussein nee' Zahra, mwieled l-Iraq, nhar it- 2 ta' Ottubru 1964, u residenti fil- fond 30,

Awaz, Triq G. Bessiera, Swieqi, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 385591(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f’dawn il- Gzejjer nhar is- 26 ta’ Awissu 2008, ghal habta tal- 10.30am gewwa Triq in- Naxxar, San Gwann u/ jew fil- vicinanzi:

1) Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra l- Gwardjan Lokali G395 Elvin Debono persuna inkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kien jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ ordni moghti skond il- Ligi mill- Awtorita’ kompetenti u dan bi ksur tal-Aritkolu 96 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

2) Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna tal- Gwardjan Lokali G395 Elvin Debono, perusna inkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu, jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is- servizz, u dan bi ksur tal- Artikolu 95 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

3) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel offiza ta’ natura hafifa fuq il- persuna tal- gwardjan lokali G 395 Elvin Debono , kif iccertifikat minn Dr. Marica Caruana mill- Gzira Health Centre u dan bi ksur tal- Aritkolu 221 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

4) Volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet pubbliku, b’ghajjat u glied u dan bi skur tal- Artikolu 338 (dd) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

5) Ma obdiex l- ordnijiet legittimi tal- gwardjan lokali G395 Elvin Debono, persuna inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fikel waqt li kien qed jaghmel d- dmirijiet tieghu jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijeitu bili ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ Ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix- xejn jew hassar dak li haddiehor ikun hgamel skond il- Ligi, jew b’xi

mod iehor u dan bi ksur tal- Aritkolu 338(ee) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

6) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, lok u hin rema, jew tefa' jew xort' ohra qattar jew iddepozita f'xi post pubbliku, triq jew spazju fil- miftuh li ghalih il- pubbliku ghandu access

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Mill-provi prodotti rrizulta lil din il-Qorti li dan kien incident li gie mkabbar lil'hinn mill-proporzjon. Fil-gurnata u l-hin indikati, l-imputat kien waqqaf il-vettura f'post ipprojbit u ghalhekk inghata tahrika minn Gwardjan Lokali. Inqala' diverbju bejn il-Gwardjan u l-imputat, liema diverbju ma kienx wiehed ta' gravita' jew ta' konsegwenza serja, izda l-Gwardjan ghamel rapport kontra l-imputat u minn hemm ittiehdu proceduri mill-Pulizija. Mill-provi prodotti rrizulta li l-imputat fl-ebda hin ma aggredixxa lill-Gwardjan, izda jidher li hassu offiz meta l-istess Gwardjan sejjahlu bhala "gharbi", haga li l-Gwardjan innega li qal izda li l-Qorti hija propensa temmen li ntqalet, minghajr xi intenzjoni ta' offiza da part ital-istess Gwardjan. Kien f'dan il-mument li l-imputat refa' idu fuq il-Gwardjan u laqtu f'wiccu, minghajr ebda konsegwenza ta' xejn, kif jirrizulta mic-certifikat mediku esebit fl-atti. Kien hawnhekk li l-imputat zbalja, u dan jammettih hu stess anke fl-istadju tat-tehid tal-istqarrija tieghu fl-Ghassa tal-Pulizija. Tant hu hekk li baqa' jiskuza ruhu ghall-incident u ddispjacih ta' li gara, u baqa' jitlob lill-Pulizija sabiex jiskuza ruhu mal-Gwardjan dak il-hin stess.

Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ma kellux ghalfejn jitressaq b'arrest quddiem din il-Qorti ghal dan l-incident.

Deplorevoli kemm kienet l-imgieba tieghu fil-konfront tal-Gwardjan, l-anqas kellu ghalfejn jitressaq b'dawk l-imputazzjonijiet kollha kontra tieghu. Mill-provi taz-zewg nahat il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel erba' imputazzjonijiet assolutament ma rrisultawx ippruvati. Jirrizultaw biss l-ahhar zewg imputazzjonijiet, li huma ta' natura kontravenzjonali, u xejn aktar. Madankollu l-Qorti ghandha twissi lill-imputat illi qatt m'ghandu jaqla' kwistjoni ma' Ufficjal Pubbliku li jirrappresenta awtorita' u jkun aggressiv mieghu waqt li dan qed jaqdi d-dmirijiet tieghu. Peress illi l-icident kien wiehed *'de minimis'*, il-Qorti sejra tirrefletti dan fl-ghoti tal-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 96, 95, 221, 338 (dd), 338 (ee)

Din il- Qort ma ssibx lil imsemmi imputat hati tal- ewwel, it-tieni, it- tielet u r- raba akkuzi u tilliberah waqt li ssibu hati tal-hames u s-sitt akkuzi u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar ai terminu tal- Aritkolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------